SAN LAWRENZ

**Il-Minuti tad-disgħa u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Gimgħa 30 ta' Diċembru 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .**

***Preżenti:***

***Sindku:*** **Noel Formosa**

***Viċi-Sindku:*** **Anthony Formosa**

***Membri:***

**John Mercieca**
**Joseph Sultana**

***Segretarju Eżekuttiv:*** **Lucienne Haber**

**Skuzat:** **Luigia Grima**

**1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.**

**2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.**

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Giet trattata l-email minghand Katya Scicluna li hija nkarigata mill-progett taht il-Mizura 125, fejn talbitna lista ta' bdiewa full-time li jaghmlu uzu minn dan il-passagg li ghalihom qed japplika l-Kunsill taht din il-Mizura. Il-Kunsill iddiskuta dan u jidher li dawn il-passaggi jintuzaw minn madwar tmint ibdiewa full-time u daqs erbghin ohra part-time.

**<u>4.0 Gheluq tal-offerti</u>**

4.1 Is-Sindku semma' li fit-13 ta' Jannar 2012 f'nofsinhar ser jaghlqu erba' offerti/tenders. Dawn huma tal-manutenzjoni tal-playing field, restawr tan-nicca, culvert tal-pjazza u tal-isqaqien.

4.2 Il-Kunsill qabel li ghall-offerti l-kbar li huma tal-culvert tal-pjazza u tal-isqaqien ghandu jahtar Evaluation Committee li jkun kompost mill-Periti nkarigati mill-

progett flimkien mal-Perit Godwin Sultana jew il-Perit Salvu Micallef, is-Sur Salvu Bonello u s-Sur Kevin Sciberras bhala Chairman.

**5.0 Decizzjoni dwar offerta SLZ004/2010 – Project Administrator**

5.1 Saret referenza ghal fatt li din is-sejha ghall-offerti ghandha taqa' peress li l-offerta numru SLZ002/2010 tinkopora x-xogholijiet mitluba f'din is-sejha li kienet miftuha ghal mizuri kollha taht Axis 3 u ma kinitx specifikament ghal mizura 323. Ghalhekk il-Kunsill iddecieda li ghandu jwaqqa' dawn l-offerti mitfugha ghas-sejha numru SLZ004/2010, u jimxi mal-ezitu tal-offerta SLZ002/2010 li harget tal-Axis 3 u mal-ghazla li kienet ittiehdet meta il-Kunsill iddiskuta u ghazel din l-offerta.

**6.0 Evalwazzjoni tat-Tender SLZ005/2010 – Restawr tal-hitan tas-sejjieh**

6.1 Is-Sindku rrefera ghar-rapport li hareg mill-Evaluation Committee li ltaqgha nhar id-29 ta' Dicembru 2011 u li kien kompost mill-Perita Ivana Farrugia, mill-Perit Godwin Sultana u mis-Sur Salvu Bonello u Kevin Sciberras. Fir-rapport tiehu l-Bord propona li l-offerta ghandha taqa' peress li l-ebda offerta ma kienet tikkwalitka. Il-Kunsill qabel li ghandu joqghod mar-rakkomandazzjonijiet provduti mill-Bord u jerga johrog din l-offerta.

**7.0 Hrug ta' offerta ta' built-in bring-in-sites wara l-approvazzjoni tal-progett EkoGhawdex**

7.1 Is-Sindku rrefera ghall-approvazzjoni tal-progett tal-bring in sites. Sar qbil li ghalissa ghandna ngibu l-permessi necessarji mill-MEPA u nohorgu l-offerta ghall-pubbliku.

**7.2 Hrug ta' stima/offerta ghall-irrangar ta' parti minn Triq Cangura u Triq Karmnu Grima**

7.3 Is-Sindku semma qed nistennew l-ispecifications minghand il-Perit biex inkunu nistghu nitolbu stima. Il-Kunsill qabel li ghandna nqaxxru l-wicc u naghtu kisja lil dawn il-bicciet. Sar qbil li appena jkollna d-dokumentazzjoni f'idejna nibghatuhom lill-tliet kuntratturi ghall-istima.

**8.0 Materji ohra**

8.1 Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-Avukati Giglio u Refalo biex infakkruhom li s-seduta li hija skedata ghat-18 ta' Jannar 2012 u wkoll li ghandna nitolbuh jipprovdilna kont tax-xoghol tieghu s'issa.

8.2 Sar qbil li ghandna nikkuntatjaw lill-kuntrattur Joe Grima u jaghtina stima tal-ispiza konnessa biex nikkonnetjaw il-gibjun ta' that il-playing field mal-water culvert.

8.3 Sar qbil li ghandna nfakkru lill-Perit Anglu Portelli dwar l-appuntament sabiex jispezzjona r-residenza tas-Sinjura Jacqueline Ross fi Triq San Lawrenz rigward il-problema tal-ilma li qed jidhlilha minn that it-triq.

8.4 Il-kunsillier John Mercieca propona li ghandna nikkuntatjaw lis-Sur Joe Scerri, l-artist tal-monument ta' Dun Guzepp Cauchi biex jiccekja l-monument u jara x'tip ta' restawr jinhtieg peress li ghandu bzonn manutenzjoni.

8.5 Is-Sindku propona li l-Kunsill ghandu jghaddi kumpens zghir annwali lill-Parrocca ghal fatt li accettat li nstallajna l-apparat tal-WiFi fil-premissi taghha. Sar qbil li ghandna nghaddu l-ammont ta €100 fis-sena ghall-uzu tad-dawl li tinvolvi din is-sistema.

8.6 Issemma' wkoll il-fatt li peress li l-iskrivana ser tkun bil-leave ghal sitt gimghat, jista jkun li jinhtieg li l-iskrivan tal-ETC, Joseph Portelli jkun jinhtieg jaghmel xi sighat extra. Sar qbil li ghandu jithallas bir-rata tal-librara.

8.7 Il-Vici Sindku Anthony Formosa rrimarka dwar il-htiega ta' tindif tal-hsara li saret bil-maltemp fil-Qawra tad-Dwejra. Is-Sindku semma li ilu hafna b'kuntatti kontinwi fuq dan il-kaz u sar qbil li ghandu jerga jigi kkuntatjat l-Inginier Bajada.

Il-laqgha ntemmet fl-10:30 ta' filghodu.

Noel Formosa
Sindku

Lucienne Haber
Segretarju Ezekuttiv